**QORTI TAL-MAGISTRATI (Malta)**
**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Artikoli 17, 18, 31, 293, 294, 310(1)(a), 532A u 533**
**tal-Kapitolu 9**
**tal-Ligijiet ta' Malta.**

**Magistrat**
**Dottor Consuelo Scerri Herrera LL.D. Dip. Matr. (Can)**

***Kumpilazzjoni Nru: 551/13***

**Il-Pulizija**
**(Spettur Rennie Stivala)**

**vs**

**PETER K/A PIERRE FALZON**
**(ID: 535060M)**

**Illum, 16 ta' Gunju, 2016.**

**Il-Qorti,**

Rat li l-imputat **PETER K/A PIERRE FALZON** ta' tnejn u hamsin (52) sena, , detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 535060(M) gie mressaq quddiemha u akkuzat talli f'xi granet, bejn Jannar 2008 u Dicembru 2012, f'dawn il-Gzejjer, b'diversi atti maghmulin minnu li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda:

1. Approprja ruhu, billi dawwar bi profitt ghalih jew ghal persuna ohra, minn haga ta' haddiehor li kienet giet fdata jew ikkunsinjata lilu taht titolu illi jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu minnha specifikat, u li kienet giet fdata lilu minhabba professjoni, industrija, kummerc, amministrazzjoni, kariga jew servizz, jew minhabba depositu necessarju, u cioe' hlasijiet ta' bolol u taxxi fuq qliegh kapitali ma' bejgh ta' fond li tieghu huwa kien in-nutar, ghad-

dannu ta' Carmelo u Nicodemo Mallia, u Salvatore u Theresa Camilleri, b'valur li jeccedi l-€2,329.37;

2. Approprja ruhu, billi dawwar bi profitt ghalih jew ghal persuna ohra, minn haga ta' haddiehor li kienet giet fdata jew ikkunsinjata lilu taht titolu illi jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu minnha specifikat, u li kienet giet fdata lilu minhabba professjoni, industrija, kummerc, amministrazzjoni, kariga jew servizz, jew minhabba depositu necessarju, u cioe' hlasijiet ta' bolol u taxxi fuq qliegh kapitali ma' bejgh ta' fond li tieghu huwa kien in-nutar, ghad-dannu ta' Daniel u Lisa Marie Vella u Mark Farrugia, b'valur li jeccedi l-€2,329.37;

3. Approprja ruhu, billi dawwar bi profitt ghalih jew ghal persuna ohra, minn haga ta' haddiehor li kienet giet fdata jew ikkunsinjata lilu taht titolu illi jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu minnha specifikat, u li kienet giet fdata lilu minhabba professjoni, industrija, kummerc, amministrazzjoni, kariga jew servizz, jew minhabba depositu necessarju, u cioe' hlasijiet ta' bolol u taxxi fuq qliegh kapitali ma' bejgh ta' fond li tieghu huwa kien in-nutar, ghad-dannu ta' Anthony, Victor u George Cassar, Angelo Ebejer u Ausilio Vella, b'valur li jeccedi l-€2,329.37;

Rat id-dokumenti esebiti fosthom tliet (3) stqarrijiet li gew immarkati minn Dok. CSH sa Dok. CSH 2, fedina penali li giet immarkata bhala Dok. CSH 3 u estratt mill-att tat-twelid tal-imputat li gie mmarkat bhala Dok. CSH 4.

Rat illi din il-kawza giet assenjata lil din il-Qorti fil-kompetenza taghha fuq riferita b'digriet ta' Assenjazzjoni tal-Prim'Imhallef datat 21 ta' April 2014.

**L-Ispettur Rennie Stivala** xehed fid-29 ta' Mejju 2014 fejn iddikjara illi nhar it-tletin (30) ta' Jannar, 2013 l-Avukat Ian Spiteri Bailey ghan-nom tal-klijent tieghu Carmel Mallia, kien baghtilhom kwerela biex jinvestigaw lin-Nutar Pubbliku Peter n/a Pierre Falzon fuq allegat misappropjazzjoni aggravata bil-professjoni ghad-dannu tal-klijenti tieghu.

Dan spjega li sar kuntratt ta' compravendita' fl-24 ta' Novembru, tal-2009 u l-klijenti tieghu kienu ghaddew l-ammont globali ta' elfejn, mitejn u hmistax il-Ewro (€2,215.00), lin-Nutar bl-indentiment li dan ihallas boll u taxxi dovuti ma' din il-compra vendita. Jidher illi Mallia sar jaf illi dan kien ghadu ma thallasx. Ippruvaw jikkuntatjaw lin-Nutar biex jaraw jekk jistax jirranga u ghaliex kien ghadu ma thallasx. Jidher li n-Nutar lilhom spjegalhom li kien ser jirranga. Qal li s-sinjuri lilu prezentawlu zewg kopji ta' ittri li baghtu lin-Nutar wahda fis-6 ta' Dicembru, 2012 u l-ohra fl-14 ta' Jannar, 2013 biex jitolbuh jirregola l-pozzizjoni tieghu, pero' dan jidher li baqa' ma sarx. Huwa spjega li minn dak iz-zmien sa llum wiehed mill-vendituri li huwa Salvatore Camilleri jidher li gie nieqes.

L-Ispettur ipprezenta l-kwerela mmarkata bhala Dok.S, ipprezenta wkoll il-kopji tal-ittri illi gew prezentati mal-kwerela bhala Dok.S1 u Dok.S2, ipprezenta wkoll kopja tal-kuntratt in kwistjoni, liema kuntratt fih tlett faccati u fuq kull faccata jidhru t-timbru tan-Nutar Dr. Pierre Falzon. Dan gie mmarkat bhala Dok.S3. Ipprezenta wkoll il-*Complaint.* L-Ispettur sussegwentament kien baghat ghal dawn il-*complainants* li gew mitkellma fis-6 ta' April 2013 fejn spjegaw illi din il-compra vendita li kienet iggib id-data tal-24 ta' Novembru, 2009, kienet bejn Carmelo Mallia u s-Sinjuri Theresa u Salvatore Camilleri. Dana kien fuq xi *boat house* gewwa l-*area* ta' Santa Maria Estate, il-Mellieha.

Komplew jispjegawlu illi kienu hargu l-ammont globali ta' elfejn, mitejn u hmistax il-Ewro ( €2,215.00) u spjegaw ukoll fuq il-mod ta' kif hargu l-flus.

Missier Carmelo Mallia, li jismu Nicodemo Mallia, spjega li mill-kont tieghu hu hareg l-ammont ta' hdax-il-elf, sitt mija u sitta u erbghin Ewro u sitta u tmenin centezmu (€11,646.86) u l-bqija harighom it-tifel tieghu Carmelo Mallia. Ix-xhud ipprezenta din il-kwerela bhala Dok.S4, flimkien ma' kopja tal-bank draft u l-ircevuta tal-Bank bhala Dok.S5 u spjegaw ukoll illi xi zmien wara, cioe' wara li kienu lmentaw man-Nutar, in-Nutar kien talab li jiltaqa' maghhom u pprezentalhom dokument li fuqu hemm miktub Ufficju tat-Taxxi Interni fejn bih ipprova jispjegalhom illi l-posizzjoni kienet giet regolarizzata u l-kuntratt kien gie irregistrat kif suppost, ghalkemm dan ma jirrizultax. Dan id-dokument gie mmarkat bhala Dok.S6. Ix-xhud esebixxa kopja ohra ta' *cheque mghoddi* lil Pierre Falzon bhala Dok.S7 formanti parti minn zewg faccati.

Kompla jixhed li fis-6 ta' Marzu, 2013 Angelo Ebejer, fil-kapacita' tieghu personali, kien mar biex jaghmel kwerela fis-*section* tal-*Economic Crimes Unit* kontra n-Nutar Peter sive Pierre Falzon fejn dan spjega illi madwar tlett snin qabel kien xtara post minghand tliet ahwa li jgibu l-isem ta' Anthony, Victor u George Cassar. Il-post kien sitwat Miriam, Triq il-Kononku Bonnici, Hamrun. Is-Sur Ebejer spjega illi hu kien hallas elfejn, mitejn u hamsa u disghin Ewro (€2,295.00) f'bolol u tlett elef, mitejn u tlettax-il Ewro (€3,213.00) bhala taxxi u li dawn hallashom b'*cheque* tal-*HSBC* lin-Nutar Pierre Falzon biex ikun jista' jhallas il-boll u taxxi dovuti u sabiex jirregistra l-kuntratt. Hu spjega wkoll illi xi zmien wara kien qieghed ghand Nutar iehor differenti sabiex jaghmel bicca negozju ohra dwar propjeta', u lil din in-Nutar uriha l-kuntratt illi kien gie moghti dakinhar minghand in-Nutar Pierre Falzon u din qaltlu li dan il-kuntratt ma kien jiswa xejn ghax kien ghadu mhux registrat. Ghalhekk ovvjament is-Sur Ebejer issuspetta illi kien gie mqarraq u ghaldaqstant talab lill-Pulizija biex jinvestigaw. Ix-xhud Spettur Stivala ipprezenta l-kwerela, ir-rapport li ghamel is-Sur Ebejer bhala Dok.S8 kif ukoll il-kopja tal-kuntratt illi prezentalhom Angelo Ebejer formanti parti minn tlett faccati mmarkat bhala

Dok.S9, li fuqu jidhru l-partijiet Anthony Cassar, Victor Cassar u George Cassar u min-naha l-ohra Angelo Ebejer u Silvio Vella.

Kompla illi mbaghad fit-18 ta' April, 2013 l-Avukat Carmelo Galea f'isem il-klijent tieghu Mark Farrugia ta' 30, Triq il-Funtana, Ghawdex talabhom jinvestigaw lin-Nutar Peter sive Pierre Falzon fuq allegat misappropjazzjoni ghad-dannu tal-klijent tieghu. Dan spjega li Mark Farrugia xtara post bl-indirizz Flt.1, 'Cleveland Court', Triq Santa Venera, Msida. Jidher li spjegalhom li ghadda s-somma ta' elfejn, sitt mija u tmien Ewro u tmienja u tmenin centezmu (€2,608.88) bhala bolla in valore u l-ammont ta' tmint elef, disgha mija u erbgha u erbghin Ewro u disgha u erbghin centezmu (€8,944.49) bhala taxxa fuq il-qliegh tal-propjetarji. Dawna iz-zewg somom gew mghoddija lin-Nutar Pierre Falzon biex ikun jista' jinsinwa l-kuntratt u jhallas it-taxxi u l-bolol li hemm necessarji, izda jirrizulta illi dan ma sarx. Flimkien ma' din il-kwerela, l-kwerelant ghaddielhom ukoll kopja tal-kuntratt ta' erba' faccati, li fuqu jidher ukoll it-timbru tan-Nutar Dr. Pierre Falzon. Jidher li l-kuntratt sar fid-9 ta' Jannar, 2008. Dawn gew prezentati bhala Dok.S10.

Sussegwentament fit-22 ta' April, tal-2013 l-Ispettur kellem lin-Nutar Peter n/a Pierre Falzon li gharfu prezenti fl-Awla bhala l-Imputat. Qal li kellmu dwar dawn it-tliet cirkostanzi wara illi tah id-dritt li jikkonsulta ma' Avukat. Falzon ghazel li ma jibbenefikax minn dan id-dritt. Giet giet prezentata d-dikjarazzjoni tar-rifjut tal-Avukat bhala Dok.S11 fejn fuqha gharaf il-firma tieghu, il-firma tal-Imputat Peter Falzon, il-firma ta' WPS249 Maruska Debattista u l-firma ta' PC723 Dorian Tanti. Gie wkoll debitament imwissi, moghti d-drittijiet tieghu u wara kellmu l-Ispettur.

L-Ispettur beda biex ikellmu dwar il-kuntratt li sar fl-24 ta' Novembru, 2009 fejn hu stqarr mill-ewwel li jiftakar li dak il-kuntratt ghamlu fl-Ufficju tieghu f'H'Attard, jiftakar li kien hemm xi tfajla wkoll involuta fil-kuntratt

u x-xerrej kien Carmelo Mallia. Ix-xhud staqsieh jekk gabarx l-ammont ta' flus li kien indikat u qallu iva, u anke qallu li jaqbel mal-ammont ta' €2215, pero' ma gie muri l-kuntratt qallu li ma jiftakarx. L-Ispettur staqsieh fuq it-taxxa kapitali migbura li skond il-kuntratt kienet ta' hamest elef, tlett mija w ghaxar Ewro (€5,310) u l-imputat ikkonferma li gabarhom ukoll. L-Ispettur staqsieh ghaliex ladarba kien gabarhom ma thallsux u l-imputat wiegbu li dak iz-zmien kien imsiefer fl-elfejn u disgha (2009) u waqa' hafna lura bix-xoghol. Spjegalu illi kien qieghed fil-process li jirregoralizza l-posizzjoni tieghu rigward dawn il-kuntratti. Meta mistoqsi jekk hux qieghed f'qaghda finanzjarja li jkun jista' jhallas, wiegeb iva. L-Ispettur staqsieh wkoll x'ghamel minn dawn il-flus u qallu li qeghdin ghandu l-flus kontanti allura ma kellux problema biex jirranga l-affarijiet. L-Ispettur staqsieh ukoll x'kien qed izommu galadarba l-flus qeghdin ghandu, u Falzon wiegbu li dawn jesigu hafna xoghol u ccekjar u ghalhekk l-unika problema hija t-*time element* u bazikament kellu bzonn iz-zmien.

L-Ispettur qed gharaf il-firma tieghu fl-Istqarrija, il-firma ta' Pierre Falzon l-Imputat u l-firma ta' PC723 Dorian Tanti fuq iz-zewg faccati. Din hija mmarkata bhala Dokument CSH.

L-Ispettur iddikjara li ftit wara, dejjem taht l-istess twissija u taht l-istess drittijiet, kellmu wkoll fuq il-kuntratt li sar bejn l-ahwa Anthony, Victor u George Cassar u Angelo Ebejer u Silvio Vella min-naha l-ohra. L-imputat qallu li jiftakar illi dan kien sar fl-Ufficju tieghu f'H'Attard. Jiftakar li kien kuntratt ikkomplikat sakemm kien hemm qbil bejn l-ahwa vendituri sakemm irrangaw kollox.

Gie mistoqsi wkoll jekk gabarx il-flus fuq dan il-kuntratt u hu wiegeb li iva jiftakar pero' ovjament bl-amment ma kienx jiftakar l-ammonti. L-Ispettur urieh il-kuntratt li kien jidher li kien maghmul minnu w l-imputat ikkonferma li jaqbel u jiftakar ukoll illi Angelo Ebejer kien tah *cheque* biex

ihallsu taghhom. Semma l-ammont ta' elfejn, mitejn u hamsa u disghin (€2,295) u wkoll l-ammont ta' tlett elef, mitejn u tlettax il-euro (€3,213.) u kkonferma li dawn kien gabarhom ukoll. Staqsieh l-istess haga bhal kuntratt ta' qabel, u cioe' ghalfejn la galadarba kien gabarhom ma hallasx u hu qallu li qieghed fil-process biex ihallas kollox. Qalli wkoll li l-flus qeghdin ghandu wkoll, xi flus kontanti dawn. L-istess problema t-*time element* kien l-unika haga li qed izommu. Fuq din l-Istqarrija l-Ispettur qieghed gharaf il-firma tieghu, il-firma ta' Pierre Falzon l-Imputat u l-firma ta' PC723 Dorian Tanti. Din hija stqarrija ta' zewg faccati li giet immarkata bhala Dokument CSH1.

Fl-ahhar l-Ispettur kellmu wkoll fuq il-kuntratt datat 9 ta' Jannar, tal-2008 illi sar bejn Daniel Vella bhala bejjiegh u Mark Farrugia bhala x-xerrej. Qallu illi jiftakar dan il-kuntratt ukoll, u li sar fit-Triq San Pawl, fl-ufficju tieghu fir-Rabat. L-ammonti ma kienx jiftakarhom, pero' meta hares sewwa lejn il-kuntratt huwa qabbel u qallu li jimmagina li kien thallas b'*cheque.* Dwar l-ammont ta' elfejn, sitt mija u tmien Ewro u tmienja u tmenin centezmu (€2,608.88) qabel ukoll u ammetta li kien gabar ukoll l-ammont rigwardanti taxxa kapitali fis-somma ta' tmint elef, disa' mija u erbgha u erbghin Ewro u disgha u sebghin centezmu (€8,944.79). Bhala spjegazzjoni tah l-istess haga, cioe' li bejn l-2008 u l-2010 kien imsiefer u kien waqa' hafna lura bix-xoghol u kompla jikkonferma li qieghed fil-process biex ihallas kollox lura. L-imputat qallu wkoll illi qieghed f'posizzjoni illi jhallashom. Fil-fatt qallu li dik l-istess gimgha kien hallas xi haga, li pero' ma kellhiex x'taqsam ma' dawn il-kuntratti, w tah kelma li se jipprova jirregolarizza l-possizjoni tieghuu. Ikkonferma li l-flus qeghdin ghandu fi flus kontanti, li m'ghaddiehom lil hadd iehor u rega' tenna illi l-unika haga li qed izommu kienet it-*time element,* jigifieri ma kellux cans idurhom kollha. Fuq din l-Istqarrija l-Ispettur gharaf il-firma tieghu, il-firma ta' Pierre Falzon bhala l-Imputat u l-firma ta' WPS 249 Maruska Debattista.

L-istqarrija maghmula minn zewg faccati u hija mmarkata bhala Dokument CSH2.

**Dr. Rachel Azzopardi** xehdet fid-29 ta' Mejju, 2014 ghan-nom u fl-interess tad-Direttur Generali tat-Taxxa. Hija giet mitluba sabiex tixhed dwar tliet kuntratti. L-ewwel wiehed huwa datat l-24 ta' Novembru, tas-sena 2009 bejn mill-ewwel parti Salvatore Camilleri u mit-tieni parti Carmelo Mallia u Nicodemo Mallia liema kuntratt kien sar min-Nutar Pierre Falzon. Dwar dan Dr, Azzopardi ghamlet ricerka sabiex tara jekk l-avviz ta' trasferiment li jikkoncerna dan il-kuntratt kienx gie registrat jew le u spjegat li sallum il-gurnata dan l-avviz ma giex registrat u sahansitra ghalhekk il-boll ma thallasx lanqas.

Dwar it-tieni kuntratt li huwa bla data pero' huwa bejn mill-ewwel parti Anthony Cassar, Victor Cassar u George Cassar u min-naha l-ohra Angelo Ebejer u Sylvia Ebejer, spjegat li dwar dan lanqas ma gie ntavolat jew registrat xi avviz ta' trasferiment u sussegwentament lanqas ma sar il-hlas tal-boll.

Hija ddikjarat li dwar it-tielet kuntratt ma sabu l-ebda rekord u dan jikkoncerna mill-ewwel parti lil Daniel Vella u Lisa Vella u mit-tieni parti lil Farrugia. Ta' dan ukoll ma kienet saret l-ebda registrazzjoni. Dan huwa datat 9 ta' Jannar, 2008. Dwar dan lanqas ma gie rregistrat xi avviz u lanqas thallas il-boll.

Ix-xhud saritilha referenza ghad-dokument esebit fl-Atti mmarkat bhala Dokument S6 u qalet illi dan jidher li huwa avviz ta' trasferiment pero' m'ghandu l-ebda timbri fuqu u ghalhekk tfisser li din l-applikazzjoni giet mimlija pero' ma gietx depozitata ghandhom ghax ma fiha l-ebda timbru. Id-dokument in kwistjoni normalment jigi preparat min-Nutar u prezentat fir-Registru taghhom.

**Peter Callus** xehed fid-29 ta' Mejju, 2014 fejn iddikjara li huwa jahdem bhala Nutar tal-Gvern. Ix-xhud intalab jikkonferma li n-Nutar Pierre Falzon, detentur tal-karta tal-identita numru 535060, filfatt kien Nutar prattikanti bejn l-2008 u l-2012. Ix-xhud spjega li fil-Gazzetta tal-Gvern ta' Jannar ta' kull sena tohrog lista tan-Nutara kollha ezercenti f'Malta u Ghawdex u li n-Nutar Pierre Falzon jidher f'din il-lista mis-sena 2008 sa 2012. Esebixxa l-inkartament relattiv li gie mmarkat bhala Dok. PC. Ikkonferma li gharaf lin-Nutar Pierre Falzon bhala l-imputat odjern.

**Mark Farrugia** xehed fid-29 ta' Mejju 2014 fejn iddikjara li huwa kien baghat kwerela tramite l-Avukat tieghu Dr. Carmelo Galea nhar it-18 ta' April, 2013 fejn kien ikkonferma li huwa kien xtara *flat* minghand certu Daniel Vella. Il-*flat* kien Flt.1, "Cleveland Flats", Triq l-Msida, St. Venera u l-kuntratt kien gie maghmul fid-9 ta' Jannar, 2008 u redatt min-Nutar Pierre Falzon.

Huwa stqarr illi fuq dan il-kuntratt huwa hallas is-somma ta' erbgha u sebghin elf, hames mija u disgha u tletin ewro (€74, 539.00) lill-venditur. Huwa kien hallas ukoll is-somma ta' elfejn sitt mija u tmien Ewro u tmienja u tmenin centezmu (€2,608.88) bhala bolla dovuta lill-Gvern ta' Malta u sussegwentament fis-sena 2013 sar jaf illi dan il-kuntratt effettivament ma kienx gie insinwat.

Ix-xhud saritlu riferenza ghad-dokument esebit f'dawn l-Atti mmarkat bhala Dokument S10 u spjega li din hija l-kwerela li kien baghat ghan-nom tieghu Dr. Carmelo Galea. Huwa tenna li t-Triq tal-*flat* li xtara hija Triq Santa Venera, l-Msida u ghalhekk ikkorega ruhu. Effetivament anness ma' din il-kwerela hemm ukoll kopja tal-kuntratt relattiv. Ikkonferma li l-kuntratt sar bejnu u Daniel Vella dwar ix-xiri ta' dan il-*flat.* Huwa ddikjara li ma' Daniel Vella kien hemm ukoll il-mara tieghu tidher fuq dan il-kuntratt. Dan

il-kuntratt kien gie ffirmat ir-Rabat, Ghawdex fl-ufficju ta' Dr. Pierre Falzon. Ix-xhud sostna li ma kienx jafu u kien hadu hemm is-sid. Ikkonferma li n-Nutar Falzon fil-fatt huwa l-imputat odjern.

**Daniel Vella** xehed fid-29 ta' Mejju 2014 fejn gie muri d-dokument esebit fl-atti mmarkat bhala Dok. S10 u spjega li dan huwa kuntratt li huwa w martu ghamlu fejn bieghu flat u cioe' Flat 1, "Cleveland Flats", Triq Santa Venera, l-Imsida u qal illi l-kuntratt kien sar ghand in-Nutar Pierre Falzon nhar id-9 ta' Jannar, 2008. Ix-xhud kien biegh din il-proprjeta' lil Mark Farrugia minn Ghawdex.

Mistoqsi jekk jafx lin-Nutar Pierre Falzon, wiegeb li jafu ghax kien jahdem bih u filfatt gharfu bhala l-imputat prezenti fl-awla. Huwa tenna li kien ghadda s-somma ta' tmint elef, disa' mija u erbgha u erbghin Ewro (€8,944.00) lin-Nutar bhala sehmu mill-bolol dovuti lill-Gvern ta' Malta ghall-bejgh tal-proprjeta'. Huwa sar jaf li l-bolol ma thallsux u l-kuntratt ma giex insinwat.

**Lisa Marie Vella** xehdet fid-29 ta' Mejju 2014 fejn iddikjarat illi hija flimkien mar-ragel taghha kienu bieghu proprjeta' li tinsab Triq Santa Venera. Hija taf li kienu bieghuha lil wiehed ragel jismu Marko minn Ghawdex. Mistoqsija jekk hija kinitx marret mar-ragel taghha sabiex tiffirma dan il-kuntratt, wiegbet li iva w li fil-fatt kienu marru fl-ufficju tal-imputat li qed taghraf prezenti fl-awla bhala n-Nutar Pierre Falzon. Hija taf li effettivament ir-ragel taghha kien tah xi flus lin-Nutar biex jithallsu xi bolol.

Rat l-artikoli mibghuta mill-Avukat Generali nhar l-1 ta' Lulju, 2014 (fol. 72) sabiex din il-kawza tigi trattata bi procedura sommarja.

Rat illi fl-14 ta' Ottubru, 2014 gew moqrija l-artikoli u l-imputat iddikjara li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja.

**Theresa Camilleri** xehdet fl-4 ta' Lulju, 2014 fejn iddikjarat li hija kienet dehret flimkien mar-ragel taghha Salvatore Camilleri quddiem in-Nutar Pierre Falzon f'Novembru tas-sena elfejn u disgha (2009) u hija kienet bieghet *Boat House* li tinsab Wied Ghajn Zejtuna, Santa Maria Estate, il-Mellieha. Fil-fatt hija qed tara l-Kuntratt esebit f'dawn l-Atti u mmarkat bhala Dokument S3, a fol 26 tal-process.

Fil-fatt hija qalet li kienet giet akkompanjata ghand in-Nutar Falzon flimkien mas-Sensar. Hija giet murija dan il-kuntratt u qalet illi fuq dan il-kuntratt hemm il-firma taghha a fol 28 tal-atti. Stqarret illi effetivament maghha kien hemm ukoll ir-ragel taghha li pero' llum il-gurnata ilu sena mejjet.

Spjegat li effettivament huma kienu thallsu ghal din il-propjeta' li bieghu. Sostniet li huma kienu hallsu kollox lin-Nutar dakinhar, inkluz il-bolol. Pero' stqarret illi lin-Nutar in kwistjoni ma taghrfux.

**Maria Borg** xehdet fl-4 ta' Lulju 2014 fejn iddikjarat li hija kienet marret ghand in-Nutar sabiex jixtru Boat House, gewwa Ghajn Zejtunija, Santa Maria Estate, il-Mellieha. Hija spjegat li fuq dan il-kuntratt hija filfatt kienet qed tidher ghan-nom ta' Carmel Mallia li jigi hu r-ragel taghha.

Hija rat il-kuntratt li jinsab esebit f'dawn l-atti fejn effettivament fuq dan il-kuntratt hija kienet dehret bhala Maria Borg, illum-il gurnata mizzewga u ggib il-kunjom Mallia. Dan il-kuntratt huwa esebit fl-atti a fol 26 u mmarkat bhala Dokument S3 u fuqu gharfet il-firma taghha. Ix-xhud ikkonfermat illi dakinhar il-konjugi Camilleri rcevew il-flus tal-bejgh tal-Boat House u

effettivament taf ukoll li thallsu l-bolol kollha. Hija kkonfermat li n-Nutar Pierre Falzon huwa l-imputat odjern.

**Carmel Mallia** xehed fl-4 ta' Lulju 2014 fejn iddikjara li huwa kien xtara *Boat House* minghad il-konjugi Salvatore u Theresa Camilleri f'Novembru, tas-sena elfejn u disgha (2009) u fuq dan il-kuntratt jaf li kienet dehret il-mara ta' huh certu Maria Borg illum Mallia.

Qali li sussegwentement saru jafu li l-bolol fuq dan il-Kuntratt ma thallsux u ghalhekk kienu marru ghand l-Avukat taghhom Dr. Spiteri Bailey li pprezenta kwerela lill-Pulizija. Huwa gie muri din il-kwerela li tinsab esebita fl-Atti a fol.23 u kkonferma l-kontenut taghha. Mistoqsi mill-Qorti kif jaf li l-bolol ma thallsux, wiegeb li l-ircevuta mill-*Inland Revenue* ma rceviha qatt.

**Nicodemu Mallia** xehed fl-4 ta' Lulju, 2014 fejn iddikjara li jiftakar illi effettivament it-tifel tieghu Carmel Mallia kien xtara *Boat House* gewwa Ghajn Zejtuna, Santa Maria Estate, il-Mellieha u fuq dan il-kuntratt kienet dehret il-mara tat-tifel l-iehor tieghu certu Maria Borg illum Mallia. Huwa spjega li effettivament dakinhar it-tifel tieghu kien xtara *Boat House* minghand konjugi Camilleri. Mistoqsi jekk huwa kienx prezenti meta sar il-kuntratt, wiegeb illi ma kienx.

Spjega li sussegwentament hu kien mar ghand in-Nutar biex jara jekk effettivament il-kuntratt kienx gie insinwat u l-bolol thallsux u qal illi n-Nutar kien ghaddielu xi karti biex isserrahlu mohhu fuq dan u dawn il-karti jinsabu inseriti fl-Atti a fol. 32, 33 u 34. Qal li huwa jaghraf dawn id-dokumenti ghaliex effettivament kien inghata kopja taghhom. Huwa jiftakar li kien iltaqa' man-Nutar hdejn it-Torri ta' Hal-Lija u tah dawn id-dokumenti u qallu li kollox kien imhallas u kollox kien lest. In-Nutar kien Pierre Falzon li huwa l-imputat odjern.

**Anthony Cassar** xehed fit-13 ta' Awwissu 2014 fejn iddikjara li huwa flimkien ma' zewg hutu u cioe' Victor Cassar u George Cassar kienu marru ghand in-Nutar Pierre Falzon li huwa l-imputat odjern u dan sabiex jaghmlu kuntratt ta' bejgh tad-dar li huma kienu akkwistaw permezz ta' wirt. Id-dar in kwistjoni kienet Santa Venera u huma kienu ha jbieghuha lil Angelo Ebejer. Dan sehh ghall-habta tal-elfejn u disgha.

Sussegwentement wara li kienu ftehmu, kienu ltaqghu ghand in-Nutar u ghamlu l-kuntratt. Mistoqsi mill-Qorti jekk huwa hallasx xi bolol qal li mill-memorju jidhirlu li dawn il-flus kienu gew imnaqqsa mir-rikavat li huwa rcieva. Huwa ddikjara li effettivament ma kienx jaf li kien hemm xi problemi fuq dan il-kuntratt sakemm kien ircieva messagg minghand l-Ispettur sabiex jigi jixhed il-Qorti, fejn huwa mbaghad kien ikkomunika mal-Ispettur fejn gie nfurmat li kellu jigi jixhed fuq dan il-kuntratt.

Huwa gie muri dokument li jinsab inserit fl-atti a fol 40 et sequitur tal-process u qal li dan huwa kuntratt redatt min-Nutar Pierre Falzon. Ikkonferma li dan il-kuntratt effettivament huwa ffirmat minnu w li hu l-istess kuntratt li huwa ghamel referenza ghalih fix-xhieda tieghu u cioe' dwar il-bejgh tal-post Santa Venera. Huwa spjega li z-zewg hutu George u Victor illum-il gurnata jghixu barra minn Malta u Victor f'xi zmien gej lura hawn Malta.

**Ausilio Vella** xehed fit-13 ta' Awissu 2014 fejn iddikjara li l-imputat odjern huwa n-Nutar Pierre Falzon u huwa jafu peress li kien mar ghandu fl-ufficcju tieghu f'H'Attard sabiex jaghmel kuntratt. Huwa tenna li effettivament huwa kien xtara post il-Hamrun bi shab ma' Angelo Ebejer minghand l-ahwa Cassar. Huma fil-fatt kienu ghamlu l-kuntratt, hallsu lill-vendituri l-ahwa Cassar u hallsu wkoll il-bolol relattivi dovuti lill-Gvern. Huma taw dawn il-flus kollha lin-Nutar Pierre Falzon. Ix-xhud

sussegwentement ried jaccerta ruhu jekk effettivament kienx kollox sew u kien mar jiehu parir ghand Nutar iehor u kien ha kopja tal-kuntratt mieghu.

Sussegwentement ix-xhud kien mar jitkellem ma' Nutar ohra jisimha Joanne Spiteri li tpoggi l-Mosta u din qaltlu li l-kuntratt li ma kienx gie nsinwat. Ix-xhud gie muri dokument esebit f'dawn l-atti a fol. 40 et sequitur tal-Process u kkonferma li huwa kien deher fuq dan il-kuntratt. Huwa ddikjara li l-kuntratt li ma kienx gie nsinwat huwa dan l-istess kuntratt.

Huwa esebixxa fotokopja tac-cekkijiet li qed gew immarkati bhala dokument CSH 1 u spjega li dan huwa sehmu tal-pagament li ghamel in konnessjoni ma' dan il-kuntratt, u qal li effettivament dana kien Bank Draft.

Ix-xhud esebixxa wkoll zewg (2) cekkijiet mahruga minn missieru Paul Vella ghall-bilanc, liema cekkijiet gew immarkati bhala dokument CSH 2. Huwa kkonferma li dawn il-flejjes huwa kien ghaddihom lin-Nutar. Ix-xhud stqarr li effettivament ic-cekk li huwa kien hareg lil Victor Cassar kellu zball fuqu u allura l-bank ma riedx jghaddih. Ghalhekk kien mar il-bank u gab il-Bank Draft floku u ghalhekk id-dokument CSH 1 li qed jaghmel tajjeb ghac-cekk li mahrug mill-kont ta' missieru fl-ammont ta' wiehed u ghoxrin elf tliet mija u tlieta u erbghin Ewro u hamsin centezmu (€21,343.50) li huwa sehmu minn dan l-akkwist.

Huwa qal ukoll illi Dok. CSH 3 fil-fatt huwa cekk li huwa kien ghadda lin-Nutar Pierre Falzon ghall-hlas ta' bolol. Huwa stqarr li hu kien hallas cirka hamsa u ghoxrin elf Ewro (€25,000) u cioe' l-wiehed u ghoxrin elf tliet mija u tlieta u erbghin Ewro u hamsin centezmu (€21,343.50) li huwa hallas lil Victor Cassar u t-tlett elef u tlett mija (€3300) li huwa hallas bhala bolla.

**Angelo Ebejer** xehed fit-13 ta’ Awwissu, 2014 fejn meta gie mistoqsi jekk jafx lill-imputat odjern, qal li jafu bhala n-Nutar Pierre Falzon. Mistoqsi

mill-Qorti kif jafu qal li effettivament ghamel diversi kuntratti ghandu. Huwa stqarr li huwa effettivament kien mar ghand in-Nutar Pierre Falzon partikolarment sabiex jaghmel kuntratt dwar xiri ta' post gewwa l-Hamrun. Huwa stqarr li dan il-post kien xtrah flimkien ma' Ausilio Vella minghand l-ahwa Cassar.

Huwa gie muri dokument esebit f'dawn l-atti a fol. 40 et sequitur tal-Process u qal illi dan huwa l-kuntratt li ghamel ghand in-Nutar Falzon rigwardanti l-akkwist ta' dan il-post fil-Hamrun. Fil-fatt fl-istess kuntratt hemm indikat il-prezz li huma xtraw il-post. Huwa naturalment hallas sehmu f'dan il-kuntratt. Sostna li anke l-bolol thallsu. Il-flus huwa ghaddihom lin-Nutar Pierre Falzon li huwa l-imputat odjern.

Spjega li sussegwentement kien siefer biex jara t-tifel li jghix il-Canada u kien cempillu Ausilio u qallu li kellhom problemi fil-kuntratt fis-sens li dan ma kienx gie registrat l-insinwa. Ghalhekk bdew ifittxu lill-imputat sabiex jaraw x'seta' jaghmel u dan qalilhom li kien se jirranga kollox. Qal li sallum-il gurnata pero' il-kuntratt mhuwiex insinwat. Huwa stqarr li kien hemm zmien meta huma lin-Nutar ma setghux isibuh u fil-fatt imbaghad marru ghand il-Pulizija.

**Romwald Attard** xehed fil-15 ta' Settembru 2014 fejn iddikjara li qed jixhed ghan-nom u in rapprezentanza tal-Bank of Valletta u ghalhekk talab l-ezenzjoni mill-Qorti. Il-Qorti ezentatu limitatament ghal dak li jikkoncerna l-kawza odjerna. Ix-xhud spjega li huwa jokkupa l-kariga ta' Senior Manager fil-Legal Office tal-Bank of Valletta.

Ix-xhud gie muri dokumenti esebite f'dawn l-atti, wiehed immarkat bhala dokument S5 li jinsab inserit fl-atti a fol. wiehed u tletin (31) u d-dokument li jinsab inserit fil-pagna sebgha u tletin (37). B'referenza ghall-*bill payable* a fol. thirty one (31) tal-atti numru 754531 pagabbli lil Salvatore u Mrs

Therese Camilleri fl-ammont ta' tnejn u tletin elf, sitt mija u hdax (32,611) datat wiehed u ghoxrin (21) ta' Novembru, two thousand and nine (2009) qal li mir-ricerka li ghamel jirrizulta li dan ic-cekk kien gie depozitat f'kont bin-numru 40018654482 intestat f'isem Saviour Camilleri u Tereza Camilleri.

Huwa esebixxa *image* ta' dan ic-cekk li l-Qorti mmarkat bhala dokument RM. Huwa esebixxa wkoll kopja tal-istatement fejn gew depozitati dawn il-flejjes li qed jigi mmarkat mill-Qorti bhala dokument RM1. Fl-istess pagna hemm ukoll order form a fol. thirty one (31) u din tirrigwarda draft number 754262. Dan ukoll huwa *bill payable* pagabbli lil Dr Pierre Falzon fl-ammont ta' hdax-il elf, sitt mija sitta u erbghin ewro u sitta u tmenin centezmi (€11,646.86) u mir-ricerka li ghamel jirrizulta illi dan ic-cekk gie depozitat fil-kont numru 40010965810 intestat f'isem Elpirega Limited.

Huwa esebixxa kopja ta' *photo image* ta' dan ic-cekk li qed jigi mmarkat mill-Qorti bhala dokument RM 2 kif ukoll kopja tal-istatement fejn gie depozitat dan l-istess cekk li qed jigi mmarkat bhala dokument RM 3. Qal illi dan ic-cekk effettivament kien jifforma parti minn deposit iehor. Ix-xhud ghamel *high lighted* id-depositu kollu u ghalhekk ikkonferma li c-cekk li gie esebit bhala dokument RM 2 jifforma parti minn dan l-istess depositu.

Mistoqsi minn huma l-beneficcjarji tas-Socjeta' L. Prega Limited qal illi skond ir-records tal-Bank Elpirega Limited huma Mrs. Helen Falzon detentrici ta' karta tal-identita' numru 506761(M) u Notary Pierre Falzon. Huwa esebixxa kopja ta' dan id-dokument li gie mmarkat mill-Qorti bhala dokument RM 4 li hu dokument intern tal-Bank.

Ix-xhud tenna li a fol. thirty seven (37) hemm ukoll kopja ta' *bill payable* pagabbli lil Dr. Pierre Falzon. Il-bill payable number huwa 754532 fl-ammont ta' elfejn, seba’ mija u sittin Ewro (€2,760) datat wiehed u ghoxrin

(21) ta' Novembru, elfejn u disgha (2009). Dan ic-cekk kien gie depozitat fil-kont ukoll tas-socjeta' L. Prega Limited. Huwa esebixxa *photo image* ta' dan ic-cekk li gie mmarkat mill-Qorti bhala dokument RM 5 kif ukoll statement ta' fejn effettivament gie depozitat dan l-istess cekk RM 5. Dan id-dokument qed jigi mmarkat mill-Qorti bhala dokument RM 6. F'dan il-kaz ic-cekk in kwistjoni kien jifforma parti minn depozitu ikbar, u huwa ghamel *highlighting* ta' dan id-depozitu fuq id-dokument RM 6.

**Dr Claudine Fenech** xehdet fl-14 ta' Ottubru 2014 u ddikjarat illi qed tixhed ghan-nom u in rapprezentanza tal-MFSA. Hija giet mitluba sabiex tipprezenta Memorandum and Articles of Association tas-socjeta' Elpirega Limited bin-numru ta' Registrazzjoni C28775. Ix-xhud filfatt esebiet dan l-istess dokument li gie mmarkat mill-Qorti bhala dokument MEMO.

**L-imputat Peter k/a Pierre Falzon** xehed fit-3 ta' Marzu 2015 fejn gie mistoqsi jekk jiftakarx li l-Pulizija kienet baghtet ghalih u kellmitu fuq dan il-kaz u wiegeb li iva jiftakar. Mistoqsi kienx irrilaxxa stqarrija rigward dan il-kaz, wiegeb li iva kien ghamilha lill-istess Spettur Stivala u kkonferma li huwa ma kienx accetta li jkellem avukat qabel ma rrilaxxja l-istqarrija minkejja li kien gie moghti dan id-dritt mill-Ispettur u dan ghax ma hassx li kien hemm raguni ghalfejn kellu jaghmel hekk.

Huwa spjega li l-kuntratti mertu ta' din il-kawza kienu saru b'mod normali. Naturalment sar il-kuntratt, gie moqri u l-klijent hallas il-bolol. L-imputat stqarr illi dak iz-zmien kellu l-mara ma tiflahx ghal zmien twil u filfatt kien sifirha barra. Minhabba f'hekk huwa ghamel ukoll zmien twil imsiefer u x-xoghol waqa' hafna lura. Mistoqsi jekk il-flus intuzawx ghal haga ohra wiegeb illi le effettivament il-flus la m'humiex tieghu, m'humiex tieghu. Huwa sostna li sa llum-il gurnata filfatt irregistra hafna kuntratti u ghadu ghaddej mill-process illi wkoll se jigu registrati. L-imputat fil-fatt kien telaq minn Malta ta' malajr u ghalhekk kellu *backlog* tax-xoghol tieghu. Huwa

spjega li kellu erba' (4) impjegati *full time*, pero' llum-il gurnata qieghed wahdu u ghadu qed jirpilja. Apparti l-mard li kellha l-mara, tenna li qabadha wkoll dipressjoni minhabba din il-kwistjoni kollha. Huwa fil-frattemp tilef ukoll lil ommu. Ricentement jaf ukoll li l-AG talab li tinhareg *freezing order* fuqu, pero' ghadha ma hargitx. Jaf ukoll li kien hemm xi sekwestri maghmulin minn xi nies civili u l-kontijiet tieghu kienu wkoll frizati.

L-imputat gie muri l-istqarrijiet rilaxxati minnu f'dawn l-atti mmarkati bhala Dokument CSH, CSH 1 u CSH 2 a fol 9 et sequitur tal-Process u huwa kkonfermahom fl-intier taghhom. Stqarr li filfatt dawn it-tlett (3) kuntratti ghadhom mhux registrati. Sostna li diga' hallas is-somma ta' tlett mija u hamsin elf Ewro (€350,000) f'bolol u *capital gains*. L-imputat kien imsiefer mal-mara bejn l-elfejn u disgha (2009) u l-elfejn u ghaxra (2010). Huwa rritorna lura Malta fl-elfejn u hdax (2011) u kien gie Malta permezz ta' *European Arrest Warrant* u ghamel perjodu fejn ma seta' jaghmel xejn dwar professjoni. Kien wara li giet deciza dik il-kwistjoni tal-European Arrest Warrant illi huwa rega' beda jirregistra l-kuntratti.

Huwa kkonferma li kien talab lill-Ufficjal Prosekutur sabiex jaghtih ftit zmien sabiex ikun f'pozizzjoni li jirregola ruhu, izda effettivament ikkonferma li minn meta bdiet il-kawza sa llum il-pozizzjoni rigward dawn it-tlett (3) kuntratti baqghet l-istess. Rega' tenna li l-flus ma ntuzawx ghal haga ohra u tenna li ghall-boll u l-*capital gains* ghadhom ghandu sa llum. Huwa kkonferma li kien talab zmien sabiex jirregola ruhu pero' minhabba l-*backlog* li kellu ma lahaqx ghamel kollox. Il-flejjes stqarr illi m'humiex go kont bankarju izda qeghdin ghandu d-dar. L-imputat stqarr illi llum-il gurnata nbidlu xi regolamenti u peress li jrid jaghmel kollox wahdu personali dan jehodlu hafna hin u qal li gieli biex timla formola wahda ddum nofs ta' nhar.

L-imputat iddikjara li fi zmien sitt (6) xhur dawn it-tlett (3) kuntratti jigu registrati zgur. Dawn it-tlett (3) kuntratti flimkien jammontaw ftit iktar minn ghoxrin elf Ewro (€20,000). Spjega li fl-akkuzi li kellu rigward il-European Arrest Warrant ma nstabitx htija fil-konfront tieghu u meta kien iblokkjat minhabba dik il-kwistjoni ta' Spanja ma seta' jaghmel l-ebda xoghol u kien qieghed jistenna d-dokumentazzjoni tasal minn Spanja li waslet f'Novembru, tas-sena elfejn u hdax (2011).

Huwa kompla jghid li llum il-gurnata ftit baqaghlu kuntratti x'jirregistra. L-imputat qatt ma kkuntattja n-nies imsemmijin f'dawn il-kuntratti mertu tal-kawza biex jaghtihom il-flus lura u jaghmillu x-xoghol haddiehor. Huwa lil dawn it-tlett (3) klijenti assigurahom li mhux se johorgu aktar flus. Jekk il-kuntratt ikun sar ghandu l-obbligu tieghu huwa li jaghti l-flus lill-Gvern. Qabel spjega li ma kienx hemm zmien biex jirregistra l-kuntratt, izda llum il-gurnata hemm tmintax (18)-il jum.

Semghet lill-partijiet jittrattaw il-kaz u dan fis-seduta tal-5 ta' Mejju 2016 fejn talbu lil din il-Qorti tghaddi ghas-sentenza finali taghha

**Helan Falzon**, mart l-imputat, xehdet fid-9 ta' Lulju, 2015. Hija qalet li fl-2008 kienu siefru fuq xoghol u waqt li kienu barra hassitha ma tiflahx, xi hbieb taghha haduha ghand tabib fejn instab li kienet qed tbati minn hormonal unbalance. Wara li ghamlet xi zmien barra minn Malta, hassitha ahjar u rritornat lura. Fl-2009 kienu regghu siefru fuq xoghol u regghet mardet u l-istess gara fl-2010 izda din id-darba t-tobba ma hallewhiex tigi lura. Ghamlet zmien l-isptar u zmien ghand xi hbieb taghhom. It-tabib kuranti taghha kien certu Ricardo Mazzini.

Bil-pilloli li kienet tiehu, ziedet fil-piz u kienet vera hazin. Il-fatt li kienet halliet lit-tfal warajha wkoll, qabbadha dipressjoni. Ziedet li inoltre l-kliem tan-nies u l-inkwiet ma kienx ta' ghajnuna. Spjegat li kienu telqu minn

Malta biex jaghmlu xi business, pero' minhabba dak kollu li sehha l-affarijiet gew aghar. Qalet li meta kienet barra, riedet lil zewgha maghha l-hin kollu ghax kien l-unika spalla li kellha.

Kompliet li in segwitu' kien inhareg European Arrest Warrant fil-konfront ta' zewgha u ngieb Malta fejn affronta xi akkuzi, li pero' gie liberat minnhom. Sostniet li kien pubblicita' kbira dwaru w dan kollu tefaghhom lura hafna. Qalet li meta kienet issiefer, dejjem ma' zewgha kienet tkun u li x-xoghol li kienu qed jaghmlu barra minn Malta kien konness mal-ligi. Iddikjarat li meta bdew l-ghajdut fuq zewgha, naturalment naqsulu l-klijenti w sahansitra kien hemm min gidimhom ukoll ghalkemm ma tafx kemm.

Ziedet li kienu gew mgharrfa li kien hemm xi xoghol lest ghalihom Dubai, pero' wara li nefqu hafna flus biex marru, sabu li dan ma kienx minnu. Spjegat li t-trattament mediku haditu gewwa Milan u ta' dan ghandha xi dokumentazzjoni, li pero' trid tfittex u tivverifika. Imbaghad qalet li zewgha kellu jmur Spanja ghal gurnata pero' mbaghad inzamm bil-European Arrest Warrant u hi spiccat l-Italja wahedha.

Sostniet li l-banek ma hallewx lil zewgha jippubblika iktar kuntratti maghhom u li kien hemm xi okkazjoni fejn sahansitra zewgha kellu jhallas xi ipoteka ta' klijent ghalkemm min kien dan il-klijent ma riditx tghid u l-ipoteka ma tafx kemm kienet. Qalet li ma kinitx taf minn fejn zewgha kien igib il-flus biex jinvestu barra minn Malta ghalkemm kienet tghinu fix-xoghol billi tiehu hsieb l-istaff u taghmillu xi qadi.

**Dr. Elizabeth Quintano**, Assistent Registratur fil-Qrati w Tribunali Kriminali, xehdet nhar id-9 ta' Settembru, 2015. Hija esebiet tliet (3) European Arrest Warrants mahruga mill-Qrati Kriminali fil-konfront tan-Nutar Peter sive Pierre Falzon. Dawn gew immarkati Dok. EQ1, 2 u 3 rispettivament. Misotqsija jekk tafx kemm l-imputat dam arrestat gewwa

Spanja, wiegbet li la taf kemm dam u lanqas f'liema moment kien gie arrestat.

**Eunice Grech Fiorini** ghan-nom tar-Registratur tal-Qrati Civili w Tribunali xehdet fid-9 ta' Settembru, 2015. Hija ntalbet sabiex tesebixxi Ordni ta' Iffrizar tal-Assi li sar fil-konfront tal-imputat u jekk effettivament kienx hemm xi mandate ta' Sekwestru fil-konfront tieghu. Spjegat li kien inghata digriet mill-Magistrat Joseph Mifsud fit-13 ta' Lulju, 2015 fil-konfront tal-imputat fejn kienu gew ordnati mill-Asset Management Unit sabiex jaghtu nformazzjoni jekk kellux xi assi. Ghalhekk minn ricerka li saret instab li kien hemm cedola ta' depozitu li kienet saret wara l-hrug ta' zewg mandati ta' Sekwestru, fl-ammont ta' erbgha w tletin elf, mitejn u tmienja w tmenin Ewro w tmienja w disghin centezmu (€34,288.98) u minnhom gew zbankati sittax-il elf hames mija w sitta w tmenin Ewro w tmenin centezmu (€16,586.80) u allura baqa' l-bilanc ta' sbatax-il elf, sebgha mija w zewg Ewro (€17,702). Inoltre nstab li kien hemm ukoll zewg subasti fuq il-proprjetajiet tal-imputat. Ix-xhud esebiet kopja tac-cedola relattiva oltre kopja tal-izbanki u tar-rikorsi li saru. Dawn gew immarkati bhala Dok. LQ4. Esebiet ukoll kopja tal-mandat ta' sekwestru li giet mmarkat bhala Dpl. LQ5. Ziedet li effettivament wara kienu saru zewg kontro-mandatiu ghalhekk dan il-mandat ma baqax in vigore. Is-sekwestru in kwistjoni jgib in-numru 446/02. Kien hemm ukoll mandat ta' sekwestru iehor numerat 1276/08, li gie esebit u mmarkat bhala Dok. LQ6. Esebiet kopja ta' mandat ta' sekwestru ezekuttiv iehor bin-numru 908/14, li gie mmarkat bhala Dok. LQ7. Ix-xhud qalet li ma nhareg l-ebda kontro-mandat ghall-mandat numru 1276/08.

**Ikkunsidrat.**

Illi l-Prosekuzzjoni temmen li din il-Qorti ghandha issib lill-imputat hati tar-reat ta' misapproprjazzjoni fil-konfront tal-individwi imsemmija fit-tlett kuntratti esebiti fl-atti bhala Dok S3 a fol 26, Dok S9 a fol. 40 u l-kuntratt esebit a fol.44. Jidher li l-imputat ammetta kemm fl-istqarrijiet li huwa irrilaxxja kif ukoll *viva voce* fil-Qorti li huwa gabar it-taxxa ghall-hals tal-bolla fuq it-tliet kuntratti appena imsemmija, kif ukoll gabar it-taxxa wara il-qliegh kapitali fuq l-istess tliet kuntratti, pero' m'ghaddiex il-flus migbura lejn l-awtorita' responsabbli ghall-gbir ta' dawn it-taxxi. Dan bhala fatt mhux kontestat. Ghalhekk il-Prosekuzzjoni irnexxielha bix-xhieda li ressqet tipprova ghas-sodisfazzjoni tal-Qorti li l-individwi imsemmija f'dawn it-tliet kuntratti, hallsu l-flejjes rapprezentanti bolla u taxxa fuq il-qliegh kapitali u ghaddewhom lin-Nutar imputat. Irnexxielha wkoll tipprova li effettivament l-imputat ircieva dawn l-istess flejjes fuq imsemmija u zammhom ghandu fi flus kontanti.

L-imputat jghid li ghadda minn zmien hazin hafna, tant li martu mardet u dan waqt li kienu barra minn Malta. Ghalhekk, kellu jaghmel perjodu twil barra minn Malta u n-nies hasbu li kien qed jevadi l-gustizzja Maltija u ghalhekk ingab lura Malta permezz ta' European Arrest Warrant u minhabba f'hekk martu qabditha *depression* kbira. Jghid ukoll li bdew jitilquh hafna klijenti u spicca rinfaccjat b'diversi mandati ta' sekwestru fil-konfront tieghu u anke Ordni tal-Iffrizar. Jghid ukoll li waqa' lura fix-xoghol u spicca anke gie impedut milli jippubblika kuntratti. Ricentement tilef ukoll lil ommu.

Cio' nonostante pero' jammetti li gabar il-flus in ezekuzzjoni tax-xoghol li kien qed jaghmel u dan sabiex jghaddihom lill-Awtoritajiet koncernati, pero' minflok ma ghamel hekk, zammhom ghandu. Jghid li hija l-intenzjoni tieghu li jhallas lura dawn il-flejjes, pero' minkejja li nghata zmien sabiex jaghmel il-hlasijiet dovuti kemm mill-Ufficcjal Investigattiv waqt l-investigazzjoni mizmuma minnu, kif ukoll mill-Qorti, dan baqa'

inadempjenti minkejja iz-zmien twil li nghata, u b'hekk donnu li anke bis-sistema gudizzjarja ried jidhaq.

**Kunsiderazzjonijiet legali.**

L-Artikolu li jikkontempla dan ir-reat ta' misapproprijazzjoni huwa l-**Artikolu 293 tal-Kodici Kriminali** - Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, li jiddisponi s-segwenti:-

*"Kull min japproprja ruhu, billi jdawwar bi profitt ghalih jew ghal persuna ohra, minn haga ta' haddiehor li tkun giet fdata jew ikkunsinnata lilu taht titolu li jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu minnha specifikat jehel meta jinsab hati ......."*

Din il-Qorti kif komposta, fis-sentenza taghha fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Concetta Charles** deciza nhar l-20 ta' Settembru 2011 tenniet li skond gurisprudenza kostanti w anke skond awturi, generalment huwa ritenut li l-estremi ta' dan ir-reat ta' approprjazzjoni indebita huma dawn li gejjin:

1. *"Illi l-pussess tal-haga jkun gie trasferit lis-suggett attiv tar-reat voluntarjament mill-proprjetarju jew detentur, ikun min ikun. Jigi specifikat hawnhekk biex ma jkunx hemm ekwivocita', li l-konsenja da parti tal-proprjetarju jew detentur lill-agent jew lis-suggett attiv tad-delitt, trid tkun maghmula* con l'animo di spostarsi del posesso, *ghax altrimenti jiffigura mhux ir-reat tal-approprazzjoni indebita, imma s-serq. (Dan hu proprju dak li gara fil-kaz in desamina ghaliex il-varji individwi imsemmija fit-tliet kuntratti esebiti taw diversi somom b'mod volontarju lill-imputat ghalkemm ghal ghan partikolari).*
2. *Illi t-trasferiment tal-pussess ma jridx ukoll ikun jimporta t-trasferiment tad-dominju, cioe' tal-proprjeta' ghaliex f'dan il-kaz ma jiffugurax l-element tal-azzjoni ndebita.*

3. *Illi l-oggett irid ikun mobbli;*
4. *Illi l-konsenjatarju in vjolazzjoni tal-kuntratt jaghmel tieghu il-haga, cioe' japproprja ruhu minnha jew ibiegha jew jiddistruggiha a proprio commodo o vantaggio;(li ghamel f'dan il-kaz u cioe' li zamm il-flus ghalih);*
5. *Irid ikun hemm wkoll l-intenzjoni tas-suggett attiv tar-reat li japproprja ruhu mill-oggett li jkun jaf li huwa ta' haddiehor u finalment xi awturi jsostnu wkoll li jrid ikun hemm id-dannu patrimonjali kawzat lill-proprjetarju li fil-konfront tieghu tkun saret l-approprazzjoni ndebita".* Dan hu proprju l-kaz ghaliex l-imputat zamm il-flejjes ghalih minkejja li kien jaf u ghadu jaf li huma dovuti lill-Awtoritajiet koncernati.

Il-Qorti tal-Appelli Kriminali fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija v. George Grech** deciza 22 ta' April 2009 ghamlet referenza ghal dak li qal l-Awtur Taljan **Luigi Maino**[1] u dan spjega li *:*

*"Finalmente, a costituire il delitto di appropriazione indebita e` necessario il dolo. Trattandosi di delitto contro la proprieta`, a scopo d'indebito profitto per se` o per un terzo, il dolo sara` costituito dalla volontarieta` della conversione con scienza della sua illegittimita`, e dal fine di lucro: onde colui che si appropria o rifiuta di consegnare, nella ragionevole opinione d'un diritto proprio da far valere, non commette reato per difetto di elemento intenzionale. Per la stessa ragione, e per difetto inoltre di elemento obiettivo, non incorrera` in reato chi nel disporre della cosa altrui abbia avuto il consenso del proprietario o ragionevole opinione del consenso medesimo .... Il dolo speciale nel reato di appropriazione indebita e` (come nel furto e nella truffa) l-animo di lucro, che deve distinguere appunto il fatto delittuoso, il fatto penale, dal semplice fatto illegittimo, dalla violazione del contratto, dell'inadempimento della obbligazione: osservazione questa non inopportuna di fronte alle esagerazioni della*

[1] **Commento al Codice Penale Italiano**, UTET (1922), Vol. IV, para. 1953, pag. 105 – 106.

*giurisprudenza ed ai deviamenti della pratica giudiziale, che diedero spesse volte l'esempio di contestazioni di indole civile trasportate affatto impropriamente in sede penale. Rettamente pertanto fu giudicato non commettere appropriazione indebita (e neppure il delitto di ragion fattasi, per mancanza di violenza) il creditore che trattiene un oggetto di spettanza del suo debitore a garanzia del credito; l'operaio che avendo ricevuto materiale prima di lavorare, si rifiuta, perche` non pagato dal committente, di proseguire nel lavoro e di rendere la materiale ricevuta; l'incaricato di esigere l'importo di titoli, che non avendo potuto compiere tale esazione, trattiene i titoli a garanzia del dovutogli per le pratiche inutilmente fatte allo scopo di esigere. In generale la giurisprudenza e` costante nel richiedere come elemento costitutivo imprescindibile il dolo."*

In generali jinghad li fid-dottrina b'approprjazzjoni indebita wiehed jifhem dik il-vjolazzjoni ta' dawn il-kuntratti li bazati kif inhuma fuq il-fidjucja, jissejjah kuntratt fiducjarju, u essenzjalment jikkonsisti fl-istorn tal-haga fdata ghal skop determinat (ara **Crivellari dei reati contra la proprieta** – pg. 498; ediz. 1998).

Il-**Carminiani** fil-ktieb tieghu **Elementi Iuris Criminali** - (para 1020) jiddefinixxi dan ir-reat li huwa jsejjahlu bhala:-
"*il fatto de quo lui, che avendo ricevuto dal propretario mediante contratto non transiattivo di dominio, una cosa immobile, questa contro i patti e contro la volonta' del propretario stesso e converta in uso proprio con animo di appropriarsela o la distrugge e a proprio lucro e commodo.*"

**Carrara** fil-kieb tieghu ***Diritto Penale*** taht t-titolu *Esposizione dei delitti inspecie* (vol 4. para 284) li wkoll jissejjah dan ir-reat truffa b'mod l-aktar sintetiku, jiddefinixxi dan ir-reat bhala:-

"*la dolosa approprazione di una cosa altrui che si e' ricevuto del propretario per una convenzione non translattiva di domino e da uzo determinato.*"

Essenzjalment ghalhekk l-approprazzjoni indebita ma hi xejn hlief abbuz ta' fiducja li permezz tieghu wiehed jirrendi bi profitt ghalih haga li tkun giet konsenjata lilu jew fdata f'idejh b'att liberu u spontanju (vide **Il-Pulizija v Joseph *Mifsud*** deciza nhar it-2 ta' Dicembru, 1992 mill-Qorti tal-Appell Kriminali**; Il-Pulizija v Joseph Richmond et** deciza nhar l-14 ta' Jannar, 1993; **Il- Pulizija v Capt. Albert Mallia** deciza nhar il-25 ta' April, 1949 u **Il-Pulizija v Emanuel *Cassar*** deciza nhar l-20 ta' Ottubru, 1997.)

B'dan il-Qorti riedet tfisser li jrid ikun hemm konversjoni u hemm konversjoni *inter alia* meta l-hati jkun ircieva l-haga biex minnha jaghmel uzu determinat u li minflok jikkommettiha ghal beneficcju tieghu stess jew jiddisponi mill-haga kuntrarjament ghal pattijiet stipulati *in buona fede*.

Fil-fatt, **Luigi Maino** fil-ktieb tieghu ***Commento al Codice Penale Italiano Vol. V pg. 347*** jghid:

*"L'approprazione indebita si consuma col disporre delle cose contro la legge del patto stipulato a buona fede."*

Illi mill-provi akkwesiti fil-kaz odjern jirizulta li l-imputat accetta il-flus li gabar mill-individwi imsemmija fil-kuntratti esebiti, meta kien jaf li tali flus ma kienux teighu u accettahom bil-mandat specifiku li jhallas lill-Awtoritajiet koncernati u dan sabiex jirregistra l-istess kuntratti, pero' minflok ma ghamel xejn u zamm il-flejjes ghalih u skond hu fi flus kontanti ghandu. Pero' minkejja li inghata zmien sabiex jipprova jirregolarizza il-posizzjoni tieghu, u jhallas u jirregistra l-kuntratti, baqa' inadempjenti u ghalhekk dan hu kaz li jidhol precizament f'dak li jghid il-Maino, cioe`

**"***colui che si appropria o rifiuta di consegnare, nella ragionevole opinione d'un diritto proprio da far valere, non commette reato per difetto di elemento intenzionale".*

Gie wkoll rilevat li kwantu ghall-approprijazzjoni indebita aggravata - **Artikoli 293 u 294 -** galadarba hemm ic-cirkostanza aggravanti kontemplata fl-Artikolu 294, u cioe` li l-flus kienu gew fdati lill-imputat minhabba l-professjoni tieghu, l-aggravju jirizulta wkoll.

Illi ghalhekk fil-fehma tal-Qorti, l-akkuzi jirrizultaw provati fl-intier taghhom.

**Dwar il-piena.**

Il-Qorti rat li l-imputat ghandu fedina penali netta, pero' hawn il-Qorti qed tittratta ma' professjonist u ghalhekkk il-fedina penali kellha tkun wahda nadifa fic-cirkostanzi. Il-Qorti ma tistax ma tikkumentax li dak li ghamel l-imputat huwa hazin hafna u dan ghaliex apparti li l-fatt **ut sic** huwa hazin, li professjonist izomm flus proprjeta' ta' terzi meta ma hux intitolat ghalihom, huwa agir li jitfa' dell ikrah fuq il-professjoni Notarili kollha kemm hi. Dan it-tip ta' agir huwa kundannabli u ma jistax jigi tollerat mill-Qorti. Illi huwa minnu li l-imputat kellu diversi problemi ta' sahha, mewt ta' ommu *pendenti lite* u cirkostanzi ohra infelici, pero' dawn l-avvenimenti ma jistghux jinkwadraw bhala fatturi li l-Qorti ghandha tqis fit-temperament tal-piena li hija sejra terroga. Jekk nutar jassumi inkarigu u jaghmel dak ix-xoghol mistenni minnu, w dan ikun konness ma' xi inkarigu addizzjonali, kif kien f'dan il-kaz (u cioe' li jghaddi l-flus minnu migbura), in-nuqqas li jaghmel dak minnu mistenni huwa kbir u dan ghaliex zgur li tali azzjoni ma tkun qatt wahda prevista. Fil-fatt il-gurista **Carnelluti** spjega l-importanza tal-professjoni notarili u jghid li , "*tanto piu notaio,*

*tanto meno giudice*", cioe' li iktar ma n-nutar iwettaq dmirijietu tajjeb, inqas hemm htiega li wiehed jirrikorri quddiem il-qrati.

Ghalkemm jista' jaghti l-kaz li n-nutar wettaq sew id-dmirijiet skond l-Ordinanza dwar il-Professjoni Notarili, fis-sens li rrediga il-kuntratt rikjest skond il-ligi, pero' d-dmirijiet tieghu ma jiqfux hemm u dan ghaliex in-nutar inghata wkoll l-inkarigu addizzjonali mill-Istat sabiex jigbor it-taxxi dovuti lejn il-Gvern. F'dan il-kaz il-mod kif ipproceda n-nutar ta lok biex ix-xerrejja sofrew pregudizzju kbir hafna. Fit-twettiq ta' obbligazzjonijiet li huma inerenti ghall-attivita' professjonali tieghu, nutar hu tenut li josserva grad partikolari ta' diligenza li hu superjuri ghal dak tal-persuna medja.

Il-Qorti ta' Cassazione Italiana fil-kaz numru 14934 datat 22 ta' Ottubru 2002 stqarret li:-" *in linea di principio va osservato che il notaio richiesto di una prestazione professionale assume gli obblighi derivanti dall'incarico conferitogli dal cliente e, quindi, fanno parte dell'oggetto della prestazione d'opera professionale, anche quelle attivita' preparatorie e successive, necessarie perche' sia assicurata la serieta' e certezza dell'atto giuridico da rogarsi ed in particolare la sua attitudine ad assicurare il conseguimento dello scopo tipico di esso e del risultato pratico voluto dalle parti dell'atto*".

L-avukat difensur issuggerixxa dwar piena li din il-Qorti ghandha tikkunsidra *community work*. Il-Qorti onestament ma tarax li l-imputat huwa il-kandidat idoneju, partikolarment minhabba dak li stqarr hu stess kemm-il darba li *time management* hija problema kbira ghalih. Ghalhekk il-Qorti zgur mhix ser izzid xi doveri addizzjonali fuqu.

Ghalhekk f'dawn ic-cirkostanzi, w minhabba is-serjeta' ta' dan ir-reat ta' approprijazzjoni indebita, l-Qorti thoss li l-piena idoneja hija dik ta' prigunerija.

Il-Qorti rat l-Artikoli tal-Ligi u cioe' l-Artikoli 293, 294 u 310 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, w tiddeciedi li tikkundanna lill-imputat ghal piena karcerarja ta' sentejn, liema perjodu qed jigi sospiz ghall-perjodu ta' erba' snin millum ai termini ta' l-Artikolu 28A tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti ordnat li kopja ta' din is-sentenza tinghata lill-imputat u dan sabiex jifhem ahjar l-import taghha f'kaz li huwa jonqos li josservaha.

Il-Qorti tordna wkoll li kopja ta' din is-sentenza tintbaghat lill-Kunsill Nutarili ta' Malta sabiex jirregola ruhu fid-dawl ta' dan il-pronunzjament u jekk hux il-kaz li jitnehha il-*warrant* sabiex l-imputat ma jipprattikax aktar ta' Nutar Pubbliku.

**Dr. Consuelo Scerri Herrera LL.D., Dip. Matr. (Can)**
**Magistrat**